**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 29 tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fi tmiem il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari tas-seduta tal-bieraħ, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għar-risposti mogħtija għal żewġ mistoqsijiet parlamentari li hija għamlet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, bin-numri 2517 u 2518. Hija qalet illi:

> "Għat-tielet darba konsekuttiva, wara diversi mistoqsijiet parlamentari li jien għamilt proprju mis-7 ta' Mejju li għadda, bqajt bla tweġiba. Nifhem li l-mistoqsija hija waħda pertinenti u nifhem ukoll li l-Ministru qed jikkonfermali li l-pensjonanti li jirċievu pensjoni ta' inqas minn €700 jew €500 huma ħafna, imma ma nifhimx għalfejn il-Ministru għadu sal-lum, minn Mejju li għadda – kellu sajf sħiħ biex jirrispondi – għadu ma rrispondiex għal din id-domanda."

Is-Sedja rat ir-risposta li ngħatat mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, fejn iż-żewġ mistoqsijiet ġew imwieġba bl-istess mod:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar."

Filwaqt li s-Sedja tifhem kif l-Onor. Mifsud Bonnici tħoss li t-tweġibiet mogħtija ma humiex sodisfaċenti, is-Sedja tenni dak li ġie espress diversi drabi, kemm minnha kif ukoll minn Speakers preċedenti, li hija m'għandha l-ebda poter li b'xi mod tindaħal fil-kontenut tat-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli. Għalhekk il-Membri huma mħeġġa sabiex jużaw ir-rimedji kollha li tagħtihom il-Kamra sabiex jinsistu għall-informazzjoni li jkunu qegħdin jitolbu.